Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1194/2000/1

**Newco Steel Limited**

**vs**

**Anthony Sammut**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 12 ta’ Gunju 2000 fejn esponiet: -

Illi s-socjeta' attrici hi kreditrici fis-somma ta' Lm1,257.74 - elf mitejn u sebgha u hamsin lira u erbgha u sebghin centezmu -bilanc ta' somma akbar ghax-xoghol ta' hadid.

Illi ghalkemm debitament interpellat biex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u *in vista* tal-affidavit tas-socjeta' attrici m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Jigi kundannat lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,257.74, -elf mitejn u sebgha u hamsin lira u erbgha u sebghin centezmu - bilanc ta' somma akbar ghax-xoghol/materjal tal-hadid;

Bl-ispejjez u imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, inkluz ta' ittra bonarja tat-22 ta' Dicembru 2000 bis-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-14 ta’ Lulju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Sammut datata 21 ta’ Lulju 2000 (fol 12) fejn espona: -

1. Illi l-eccipjent m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.

2. Illi l-eccipjent kien ta appalt lill-kuntrattur Thomas Zahra biex jaghmillu xoghlijiet u li kien jinkludi wkoll l-akkwist tal-materja prima. L-eccipjent hallas lill-kuntrattur tax-xoghlijiet kollha li saru. Ghalhekk, f'kull kaz ghandu jigi msejjah fil-kawza Thomas Zahra.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Marzu 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti halliet il-kawza ghat-trattazzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ghas-17 ta’ Gunju 2004; u l-verbali l-ohra inkluz dak tat-28 ta’ Lulju 2004 fejn il-Qorti

ordnat li t-trattazzjoni tal-imsemmija eccezzjonijiet issir permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet. Il-kawza giet differita ghall-ezami tal-istess noti ghat-12 ta' Ottubru 2004.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Anthony Sammut datata 27 ta' Settembru 2004 a fol 93 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` Newco Steel Ltd datata 22 ta' Ottubru 2004 a fol 98 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2005 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Mark Busuttil b' referenza ghan-noti ta' sottomissjonijiet iddikjara li ma kellux provi izjed u talab lill-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' April 2005.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-26 ta' Settembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-ammont ta' elfejn, disa' mija u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezimu (€2929.74) gja elf, mitejn u sebgha u hamsin lira Maltija u erbgha u sebghin centezimu (Lm1257.74) bilanc ta' somma akbar ta' xoghol ta' hadid debitament ikkonsenjat.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Richard Attard kien jissupplixxi materjal ta' hadid u materjal iehor konness ma' konkos fuq lant tax-xoghol tal-konvenut Sammut. Thomas Zahra kien il-bennej li kien imqabbad fuq dan il-progett mill-konvenut. Il-fattura esebita a fol. 6 tal-process tirreferi

ghall-materjal mibjugh bejn Marzu u Awwissu tas-sena 1997 li, skont l-attur, kien ghadu ma thallasx.

Il-konvenut sostna li ma kellux x'jaqsam mas-socjeta' attrici peress li r-relazzjonijiet tieghu kienu biss mal-bennej, Thomas Zahra, li kellu jfornixxi x-xoghol u l-materjal. Il-konvenut qal ukoll li kien ihallas akkont lill-bennej kull gimgha tant li spicca hallsu z-zejjed u kellu jiftah proceduri kontrih ghar-rifuzjoni tal-eccess.

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni ssollevati li jitrrattaw dwar jekk il-konvenut *de proprio* ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u jekk il-ftehim ghall-forniment tal-materjal sehh bejn l-attur u Thomas Zahra li kien il-bennej li ha l-appalt mill-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet Legali.**

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas servizzi tal-ilma et vs Emanuel Grixti'** jinghad li *"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-*

*relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Applikati dawn il-principji jirrizulta li l-kwistjoni kollha tirrisolvi ruhha fuq l-apprezzament tal-provi prodotti.

**Ikkonsidrat** li s-socjeta' attrici ghandha tipprova  ness bejnha u bejn l-konvenut minnha citat b'mod li tinduci lill-Qorti biex tapprezza li l-konvenut citat fil-gudizzju seta' kien materjalment parti minn negozju li holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni. Jekk jirnexxilu jipprova dan in-ness, jispetta lill-konvenut biex jikkonvinci lill-Qorti li m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza.

**Ikkonsidrat** ukoll li l-istess konvenut, fit-tieni eccezzjoni tieghu, esprima l-intenzjoni li jitlob il-kjamat fil-kawza ta' Thomas Zahra, li, skont hu, huwa l-persuna li missha giet imsejha biex twiegeb ghat-talbiet attrici. Din it-talba ma tressqitx u l-konvenut strah fuq il-provi prodotti in sostenn tat-talbiet tieghu.

Minn ezami ta' dawn il-provi, jirrizulta li s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova, anke f'grad ta' *prima facie*, li r-relazzjoni guridika, mertu ta' din il-kawza, inholqot bejnha

u l-konvenut Sammut. Anzi, minnkejja li Richard Attard, il-*managing Director* tas-socjeta' attrici, esebixxa fattura intestata f'isem il-konvenut[1], din taghmel riferenza ghall-*invoice* datata t-18 ta' Dicembru 1997 numru 003941 li ma gietx prodotta bhala prova.

L-istess Richard Attard, esebixxa diversi *delivery notes* waqt it-trattazzjoni[2]. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2004, spjega li n-numru tal-*invoice* imsemmi fil-fattura imsemmija hu miktub fuq kull *delivery note* minghajr, izda, is-sostenn u korroborazzjoni tal-istess *invoice.*

Ghalhekk, ghajr ghall-fattura li ghandha datata posterjuri ghall-perjodu mertu ta' din il-kawza, (Marzu sa' Awwissu 1997), ma jirrizulta ebda kont, *invoice* jew fattura mibghuta <u>waqt il-kors tax-xoghlijiet</u> lill-konvenut. Anzi jirrizulta l-oppost mix-xhieda tal-attur stess u cioe`, li kien avvicina lill-konvenut biss meta Zahra kien gharrfu li kien hemm disgwid bejnu u bejn il-konvenut. Dan kien wara li intemmew il-konsenji. Diskorsi dwar bilanci dovuti, u talbiet diretti ghall-hlas tal-bilanc qatt ma saru mal-konvenut qabel ma Zahra infurmah bit-tilwima bejnu u Sammut. Anzi, id-diskors dwar pagamenti u bilanci sar biss bejn Attard u Zahra.

Dan l-istat ta' fatt ma jaghtix konfort lit-tezi tal-attur li kien Sammut li kien il-klijent tieghu ghaliex li kieku kien hekk, indubbjament kien ikollu dokumenti x'juri bhal per esempju, kontijiet, *invoices* u *delivery notes*, indirizzati lill-konvenut. Attard xehed "*Jien kont nohrolgu invoices zghar*"[3] izda ebda wiehed ma gie prodott minkejja li intrabat li jipproduci l-*invoices* u *delivery notes.*

Mhux biss, imma kif xehed Attard stess, anke wara li sar jaf b'dan id-disgwid, baqa' jistaqsi lil Zahra fuq il-kont tieghu. "*Xorta wahda kont f'okkazzjonijiet ohrajn illi Zahra kien jigi ghandi ghal xi xoghol, saqsejtu kif ser nibqghu fuq*

[1] **Dok. B.** esebit a fol 6 tal-process.
[2] Nota a fol 70 tal-process.
[3] Seduta tal-11 ta' Marzu 2002.

*il-kont".*[4] Li kieku ma kellux x'jaqsam ma' Zahra, kif qieghed isostni, ma kellux ghalfejn ikellmu dwar il-kont

Anke d-*delivery notes* li irnexxielu jesebixxi ma jikkorroborawx il-verzjoni ta' l-attur. Skont ix-xhieda tieghu stess[5], fuq l-ebda wahda minn dawn id-*delivery* notes m'hemm il-firma tal-konvenut. Fejn jirrizulta firma, din hija tal-bennej Thomas jew *'Majsi'* Zahra. Fuq kull *delivery note* hemm miktub l-isem 'Majsi', li jirreferi ghall-bennej. Attard stess ammetta li l-indikazzjoni tal-konvenut bl-isem 'T.Sammut' fuq id-*delivery notes* setghet saret <u>wara</u> il-hrug taghhom ghaliex spjega li kien jippreparahom minn qabel u kien jaf li kien ser ikun hemm il-bennej fuq il-lant tax-xoghol. Qal *"jista' ikun li l-kliem 'T Sammut' fuq kull wahda mid-delivery notes ma nkitbux dakinhar tad-delivery imma wara...... ma niftakarx ezatt......ktibt l-isem ta' Zahra jew 'Majsi' ghaliex il-konsenji saru lil Zahra."*

B'zieda ma dan, l-attur ma setghax jghid lill-Qorti f'liema stadju nkiteb l-isem tal-konvenut fuq dawn id-*delivery notes.* Il-Qorti issibha difficli biex taccetta din il-posizzjoni. Li kieku l-konvenut kien il-klijent tieghu, zgur li l-attur ma kien ikollu ebda problema biex iwiegeb ghal din id-domanda. Ma kellu ebda diffikulta biex jikkonferma li d-*delivery notes* inhargu fuq isem il-bennej, kif ukoll ftakar minghajr diffikulta` li kien jikteb l-isem tal-bennej sahansitra qabel ma kien jaghmel il-konsenja. Dan kollu juri lil din il-Qorti li l-klijent tieghu kien Zahra ghaliex altrimenti, il-fatturi, *invoices* u *delivery* notes kienu jkunu kollha ntestati f'isem Sammut.

In-nuqqas ta' spjegazzjoni cara rigward meta inkiteb l-isem "T. Sammut" johloq suspett ragjonevoli li dawn id-*delivery notes* kienu gew imbaghbsa kif jissuggerixxi l-konvenut.[6]

L-attur esebixxa *cash sales* li wiehed minnhom biss ghandu l-isem tal-konvenut mitkub fuqu. Dwar dawn[7], l-

[4] Xhieda fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2003.
[5] F'Seduta tal-11 ta' Marzu 2004,
[6] Nota ta' sottomissjonijiet a fol. 94 tal-process.
[7] Fol 35 sa' 39 tal-process.

attur xehed li kien jiehu x-xoghol fuq progett tas-Sliema fejn kien isib mhux biss lill-bennej imma anke lil Sammut u li Sammut kien ihallsu direttament. Dan mhux korroborat b'ebda ricevuta f'isem il-konvenut u il-*cash sales* infushom, ghajr ghal dak uniku imsemmi, li, fl-isfond ta' dak li ntqal dwar id-*delivery notes*, ma jistax jitqies bhala prova tal-kontenut tieghu, ma jindikaw imkien l-isem tad-destinatarju jew il-post fejn gie kkonsenjat il-materjal imsemmi.

Il-konvenut konsistentement sostna li ma kellux x'jaqsam mas-socjeta' attrici. Xehed li Zahra kien qallu "*Rigward xoghol ta' xibka u hadid dawk hallihom f'idejja...niehu hsieb jien... il-bqija gibli materjal inti."*[8] Hu kien ftiehem mal-bennej biex ifornilu xoghol u materjal u kien ihallsu somma akkont kull gimgha. B'hekk ma kienux jigu pprezentati *invoices* dwar materjal. Attard, da parti tieghu, ikkonferma li kien Zahra li kien jaghmel l-ordnijiet kif kien hu li kien jircievi l-konsenja.

Mix-xhieda tal-attur jirrizulta li Thomas Zahra kien jaghmel l-ordnijiet, li Thomas Zahra kien jiehu l-konsenji u jiffirma id-*delivery notes* u li ebda kont ma ntbaghat lill-konvenut tul il-kors tal-kostruzzjoni.

L-attur kien afferma wkoll li "*Lill-konvenut ma kontx kellimtu qabel ma jiena kellimt lil Thomas Zahra."*[9] Qabel ma tkellem lill-konvenut, kien joqghod jistaqsi biss lil Zahra fuq il-kont li kellhom. *Invoices* f'isem il-konvenut ma gewx prodotti u lanqas rcevuti jew kontijiet.

L-attur issottometta li l-materjal gie fornut fuq progett ta' bini tal-konvenut u li, ghaldaqstant, dan xorta ibbenefika minnhom. Dan l-argument ma jistax ireggi. Ir-relazzjonijiet bejn il-konvenut u l-kuntrattur huma *res inter alios acta* ghall-attur. Il-fatt li l-konvenut kien fetah proceduri kontra l-bennej, u li fis-sentenza[10] l-Qorti kkonkludiet li kien hallas lill-bennej indebitament, jikkonferma dak li sostna l-

[8] Seduta tas-17 ta' Jannar 2001.

[9] Seduta tas-27 ta' Novembru 2003

[10] Kawza fl-ismijiet ***Anthony Sammut v Thomas Zahra*** - *Cit 2151/99/RCP* -datata t-12 ta' Lulju 2000 - kopja ezebita a fol. 73 tal-process.

konvenut, u cioe' li l-bennej kien thallas *oltre* dak li kien dovut. Izda dan ma jaghti ebda konfort lill-attur, anzi jipprova li l-konvenut hallas dak kollu minnu dovut lill-bennej ghax-xoghol u materjal tieghu. Il-bennej gja thallas u kellu l-obbligu li jghaddi il-pagament lill-attur.

Ghaldaqstant il-Qorti hija soddisfatta li, mill-assjem tal-provi, u partikolarment tenut kont il-kontradizzjonijiet riskontrati fix-xhieda ta' Richard Attard innifsu, u n-nuqqasijiet li rrizultaw mid-dokumenti minnu esebiti, li s-socjeta' attrici ma kenitx taf lill-konvenut Sammut bhala l-klijent taghha u li r-rabta kontrattwali nholqot biss bejn il-kumpanija Newco Steel Limited u Thomas Zahra.

Per konsegwenza, kemm l-ewwel kif ukoll t-tieni eccezzjoni sollevati mill-konvenut ghandhom jigu milqugha in kwantu li l-ftehim bejn s-socjeta' attrici u Thomas Zahra huwa *res inter alios acts* ghall-istess konvenut.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li **tilqa'** l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut b’dan illi tiddikjara li l-konvenut Anthony Sammut mhuwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement **tichad** it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-istess konvenut peress li mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-kawza attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------